75 SENA

# KAPPILLANI LI SERVEW FIL-PARROĊĊA TA' BIRŻEBBUĠA MIT-TWAQQIF TAGĦHA SA LLUM



**KAN DUN KARM BUGELLI**

Twieled f'Bormla nhar l-20 ta' Lulju 1866, u sar saċerdot fl-1889. Bugelli sar Kappillan ta' l-Imqabba fl-1894 kif ukoll membru tal-Kunsill tal-Gvern fl-1898. Sar Kappillan ta' San Ġiljan fl-1904. Ta' 29 sena nħatar Kanonku tal-Knisja Kolleġġjata ta' Bormla. Wara li għamel sentejn missjunarju fil-gżira ta' Korfu', l-Isqof Pietru Pace ħatru Kappillan ta' Birżebbuġa fis-17 ta' Settembru, 1913 u ħa l-pussess fil-21 ta' l-istess xahar. Bugelli rriżenja minn Kappillan ta' Birżebbuġa fit-18 ta' Marzu 1921 biex ikkontesta l-elezzjonijiet. B'hekk, hu għamel 7 snin u nofs bħala Kappillan f'Birżebbuġa. Bugelli kkontesta wkoll l-elezzjonijiet ta' l-1924 u l-1927. Dun Karm miet fl-Isptar Ċentrali, l-Furjana fit-22 ta' Mejju 1936 u difnuh fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata.



**DUN ANGELO FENECH**

Twieled Ħal-Lija nhar il-25 ta' Marzu 1882 u rċieva l-Ordni Sagri fl-1905. Dun Anġ ġie nnominat bħala t-tieni Kappillan ta' Birżebbuġa u ħa l-pussess nhar it-3 ta' Frar 1924. Fi żmienu nbniet il-Knisja Parrokkjali l-ġdida minflok dik tad-Duluri li kienet saret żgħira minħabba li l-popolazzjoni bdiet tikber. Dun Anġ spiċċa minn Kappillan fis-7 ta' April 1952 biex sar Monsinjur tal-Kattidral ta' l-Imdina. Hu miet ta' 82 sena nhar it-13 ta' Jannar 1964 u difnuh fil-Kattidral ta' l-Imdina.



**DUN MIKIEL SPITERI**

Dun Mikiel twieled fiż-Żejtun nhar is-6 ta' Settembru 1912 u ġie ordnat saċerdot fl-1937. Kien it-tieni Direttur tal-"Juventutis Domus Sacra Familia" taż-Żejtun kif ukoll membru tal-Missjoni l-Kbira. Wara li għamel żmien bħala Kappillan ta' Ħal Kirkop fi żmien il-gwerra, Dun Mikiel inħatar Kappillan ta' Birżebbuga u ħa l-pussess nhar il-15 ta' Ġunju 1952. Sentejn wara, fit-2 ta' Awissu 1954, Dun Mikiel, inħatar Arċipriet taż-Żejtun u f'Ottubru ta' l-1962, inħatar Kanonku Koadjutur tal-Kattidral. Mons. Spiteri miet fiż-Żejtun ta' 57 sena u difnuh fiċ-ċimiterju ta' raħal twelidu. F'Birżebbuġa kien ġabar fondi għall-altar il-ġdid, kif ukoll irranġa z-zuntier tal-Knisja Parrokkjali.



**DUN ĠUŻEPP MINUTI**

Minuti dam Kappillan ta' Birżebbuġa għal 24 sena sħaħ. Huwa twieled f'Bormla nhar il-11 ta' Mejju 1916 u ġie ordnat saċerdot fl-1940. Sentejn wara, nħatar Kappillan ta' l-Isqof Emmanuel Galea u fl-1946 sar membru tal-Missjoni z-Żgħira. Inħatar Kanonku Penitenzier tal-Kolleġġjata ta' Bormla u sena wara nħatar Kappillan ta' Ħal Balzan. Fil-21 ta' Novembru 1954, ħa l-pussess bħala Kappillan ta' Birżebbuġa. Fi żmienu saru l-qniepen, il-paviment ta' l-irħam, l-istatwa titulari ta' San Pietru fil-Ktajjen u l-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali. Sar Monsinjur nhar is-27 ta' Awissu 1978. Hu għadu jagħti s-servizz tiegħu pastorali fil-parroċċa fejn għadu joqgħod sa llum.



**DUN KARM FRENDO**

Twieled Ħal-Qormi fl-10 ta' Settembru, 1942 u qaddes fit-22 ta' Marzu, 1969. Għal ħames snin kien Viċi Parroku tal-Parroċċa tal-Kunċizzjoni tal-Ħamrun (1969 - 74). Dun Karm sar Kappillan ta' Ħad-Dingli fl-1974. Għamel xogħol pastorali f'diversi fabbriki u kien ukoll rappreżentant fil-Kunsill Presbiterali. Fid-29 ta' Ottubru, 1978 ħa l-pussess ta' Kappillan ta' Birżebbuġa fejn miet fl-għomor ta' 37 sena, fit-13 ta' Ġunju 1980. Ħadem ħafna biex jissaħħu l-istrutturi pastorali fil-Parroċċa. Fi żmienu bdew isiru l-antiporti kif ukoll il-marċ ta' filgħodu.

**DUN PAWL BUTTIGIEG**

Dun Pawl twieled il-Marsa nhar id-9 ta' Frar 1954 u ġie ordnat saċerdot mill-Arċisqof Mercieca fl-21 ta' April, 1979. Għamel xi żmien jaħdem fl-Uffiċju Kleru u Parroċċi fil-Kurja. Fl-istess ħin kien jagħmel xogħol pastorali fil-parroċċa tal-Kunċizzjoni, il-Ħamrun. Fl-1 ta' Jannar 1980 inħatar Viċi Parroku ta' Birżebbuġa u meta miet Dun Karm Frendo hu nħatar is-suċċessur tiegħu. Ħa l-pussess ta' Kappillan nhar it-12 ta' Ottubru 1980. F'dan iż-żmien inġieb orgni Farfisa għall-Knisja, saret *amplification system* ġdida, inbena ċ-Ċentru Parrokkjali, infetaħ iċ-Ċentru Ragħaj it-Tajjeb, tlestew il-Bradella u n-Niċċa l-ġdida ta' San Pietru, saret l-istallazzjoni ġdida tad-dawl għall-Knisja u se titkabbar is-Sagristija. Hu wkoll rappreżentant fil-Kunsill Presbiterali.